**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 27 TA' LULJU, 2001**

*Avviz. Nru 394/01 AJD*

Dr. Ivan Daniel Mifsud B.A.,LL.D., ghan-nom ta' E. Calleja & Sons Limited

vs

Raymond Mifsud

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Gunju, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur nomine s-somma ta' mija u sitta u hamsin liri Maltin u tmintax il-centezmu (Lm156.18). U dan wara li gie premess li l-kumpanija attrici hija agent ta' artikli ta' elettriku u 'plumbing' u tbiegh 'retail' mill-hanut taghha kif ukoll 'wholesale' lill-hwienet ohra inkluz hwienet taz-zebgha. Il-konvenut kellu hanut taz-zebgha jismu 'Raymond Ironmongery' f'8, Notary Zarb Street, Attard. Il-konvenut xtara xi merkanzija minghand il-kumpanija attrici. Dawn xtrahom 'wholesale' biex jerga' jbieghhom mill-hanut tieghu. Din il-merkanzija giet mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut. Il-konvenut kellu 'account' mal-kumpanija attrici u b'hekk kellu certu ammont ta' 'credit' u ma kellux bzonn ihallas kollox mal-ewwel. Il-konvenut irritorna xi merkanzija lura u l-valur ta' dawn ir-'returns' inqataghlu mill-kontijiet originali. Il-bilanc tal-kont baqa' ma thallasx mill-konvenut minkejja z-zmien twil li ghada u minkejja l-fatt li gie nterpellat mid-ditta kreditrici diversi drabi anke permezz ta' ittra bonarja. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Ma' din id-dikjarazzjoni ta' fatti qieghda tigi annessa kopja ta' l-'istatement' tal-konvenut (Dok. a0 kif ukoll kopja ta' l-ittra bonarja li ntbaghtet lill-konvenut (Dok. B).
Bl-imghax u bl-ispejjes.
Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur nomine li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lilu. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta' mija u sitta u hamsin liri Maltin u tmintax il-centezmu (Lm156.18) bl-imghaijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR